**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 941/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Redent Azzopardi**

**Illum 25 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Redent Azzopardi**, ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben missier mhux magħruf u Lucianne Azzopardi, imwieled il-Pietà fis-7 ta' Ġunju 2002 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 205602L, talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Ġewwa Ibb Palazzo Bettina fi Triq Wenzu Dyer, Birgu u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' Novembru tas-sena 2023 għall-ħabta ta' bejn nofs il-lejl (00:00hrs) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs):

1. Ikkommetta serq ta' telefon ċellulari, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Maxime William Escudero u/jew Ibb Palazzo Bettina;

Talli ġewwa Boco Boutique fi Triq l-Oratorju, Bormla, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar is-6 ta' Novembru tas-sena 2023 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u l-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs):

2. Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' lewn blu kontenenti mitt Euro (€100) flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Anthony Busuttil u/jew Bocco Boutique u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Talli ġewwa Boco Boutique fi Triq l-Oratorju, Bormla, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar it-8 ta' Novembru tas-sena 2023, għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) u s-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs):

3. Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' lewn iswed kontenenti mija u tletin Euro (€130) flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u liema serq sar għad-dannu ta' Anthony Busuttil u/jew Boco Boutique u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Talli ġewwa 323, The Girls Beauty Salon fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar it-8 ta' Novembru tas-sena 2023 għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs):

4. Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' lewn blu biċ-ċwievet kontenenti ħames mitt Euro (€500) flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Sandra Maria Unger u/jew The Girls Beauty Salon u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Talli ġewwa Casa Birmula Boutique Hotel fi Sqaq il-Kunċizzjoni, Bormla u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) tas-7 ta' Novembru tas-sena 2023 u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) tat-8 ta' Novembru tas-sena 2023:

5. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u ikkwalifikat ukoll bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Mariella Scerri u/jew Casa Birmula Boutique Hotel u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) f'każ ta' ħtija għar-reati kollha li bihom qed jiġi mixli Redent Azzopardi, jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti tapplika fil-konfront tiegħu d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi; (ii) f'każ ta' ħtija għar-reat kollha li bihom qed jiġi mixli Redent Azzopardi, jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti tapplika fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 532B u/jew ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi; u (iii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "H" tal-proċess;

Rat illi fuq talba tad-Difiża, ġie ordnat li jitħejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat u l-istess imputat tqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni Temporanja;

Rat illi l-ordni biex jitħejja *pre-sentencing report* fil-konfront ta' l-imputat ġie rrevokat b'Digriet datat 11 ta' Diċembru 2023, u dan in vista tal-fatt li l-imputat ma wera assolutament ebda ko-operazzjoni biex dan ir-rapport jitħejja;
Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Gabriella James mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Diċembru 2023 u tat-8 ta' Jannar 2024;

Rat ir-Rapport ta' Andament tal-Probation Officer Gabriella James, li qed issegwi lill-imputat għall-fini ta' l-Ordni ta' Superviżjoni Temporanja imposta fuqu, ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2023;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: Ġewwa Ibb Palazzo Bettina fi Triq Wenzu Dyer, Birgu u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta' Novembru tas-sena 2023 għall-ħabta ta' bejn nofs il-lejl (00:00hrs) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00hrs): (1) Ikkommetta serq ta' telefon ċellulari, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u ikkwalifikat ukoll bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Maxime William Escudero u/jew Ibb Palazzo Bettina; Talli ġewwa Boco Boutique fi Triq l-Oratorju, Bormla, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar is-6 ta' Novembru tas-sena 2023 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u l-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs): (2) Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' lewn blu kontenenti mitt Euro (€100) flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Anthony Busuttil u/jew Bocco Boutique u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; Talli ġewwa Boco Boutique fi Triq l-Oratorju, Bormla, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar it-8 ta' Novembru tas-sena 2023, għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) u s-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs): (3) Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' lewn iswed kontenenti mija u tletin Euro (€130) flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u liema serq sar għad-dannu ta' Anthony Busuttil u/jew Boco Boutique u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; Talli ġewwa 323, The Girls Beauty Salon fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar it-8 ta' Novembru tas-sena 2023 għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs): (4) Ikkommetta serq ta' kaxxa ta' lewn blu biċ-ċwievet kontenenti ħames mitt Euro (€500) flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Sandra Maria Unger u/jew The Girls Beauty Salon u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra; Talli ġewwa Casa Birmula Boutique Hotel fi Sqaq il-Kunċizzjoni, Bormla u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-

Gżejjer, għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) tas-7 ta' Novembru tas-sena 2023 u l-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) tat-8 ta' Novembru tas-sena 2023: (5) Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u kkwalifikat ukoll bil-ħin, u liema serq sar għad-dannu ta' Mariella Scerri u/jew Casa Birmula Boutique Hotel u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entità jew entitajiet oħra.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. In vista ta' tali ammissjoni ta' l-imputat il-Qorti tqis li għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront tiegħu.
Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li r-reati r-reati mertu ta' l-ewwel u tar-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat għandhom itqiesu bħala reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li r-reati mertu tat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat għandhom ukoll jitqiesu bħala reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u li bejn dawn ir-reati appena imsemmija u r-reat mertu tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat japplika l-konkors ta' reati u ta' pieni ai termini ta' l-Artikolu 17(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li mix-xhieda u mir-Rapport ta' Andament tal-Probation Officer Gabriella James jirriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga, liema problema twasslu biex ikompli fit-triq il-ħażina li huwa jidher li qabad.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a)(b), 280(1) u 281(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tletin (30) xahar priġunerija effettiva. Minn dan it-terminu ta' tletin (30) xahar priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' droga li jeħtieġ tiġi indirizzata u debitament trattata u kkurata, il-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta 'Ordni ta 'Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Peress illi l-imputat ammetta li seraq a dannu ta' Anthony Busuttil u/jew Boco Boutique is-somma komplessiva ta' €230 u li seraq a dannu ta' Sandra Maria Unger u/jew The Girls Beauty Salon is-somma ta' €500, ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lil Anthony Busuttil is-somma ta' €230 u lil Sandra Maria Unger is-somma ta' €500.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkonċedi lill-imputat żmien sena (1) mid-data ta' din is-sentenza sabiex iħallas l-imsemmija ammonti lil Anthony Busuttil u lil Sandra Maria Unger rispettivament.

Fir-rigward ta' Anthony Busuttil u Sandra Maria Unger, in vista ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-vittmi l-oħra, in kwantu ma ġiex stabbilit il-valur ta' dannu minnhom subit b'konsegwenza tas-serqiet imwettqa mill-imputat u minnu ammessi, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikoli 15A u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Q0rti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti tqis li ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**